DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' April 2011

dwar il-membri tal-grupp konsultattiv dwar il-katina alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti stabbilit mid-Deċiżjoni 2004/613/KE

(2011/242/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/613/KE tas-6 ta' Awwissu 2004 marbut mal-kreazzjoni ta' grupp konsultattiv tal-katina alimentari u tas-saħħa tal-annimali u veġetali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Ġie stabbilit grupp konsultattiv dwar il-katina alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti bid-Deċiżjoni 2004/613/KE b'effett mill-25 ta' Awwissu 2004. Dan il-grupp huwa kkonsultat mill-Kummissjoni fuq il-programm ta' ħidma tiegħu dwar is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, it-tikkettjar u l-preżentazzjoni tal-ikel u l-għalf, in-nutrizzjoni tal-bniedem fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel, is-saħħa u l-benessri tal-annimali, u s-saħħa tal-pjanti u wkoll dwar il-miżuri li l-Kummissjoni trid tieħu jew tipproponi li tieħu f'dawn l-oqsma.

(2) Skont l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2004/613/KE, il-Kummissjoni għandha tagħżel entitajiet Ewropej rappreżentattivi li jissodisfaw bl-aktar mod effettiv il-kriterji msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Deċiżjoni u li rreaġixxew għas-sejħa għal espressjoni ta' interess.

(3) Oriġinarjament il-Kummissjoni għażlet 36 membru tal-grupp konsultattiv. Il-lista tal-membri oriġinali għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-2005 [2].

(4) Il-Kummissjoni issa ddeċidiet li testendi s-sħubija tal-grupp konsultattiv, b'mod partikolari sabiex tinkludi ċerti setturi li mhumiex rappreżentati. Wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess, ġew magħżula disa' entitajiet addizzjonali.

(5) Il-membri kollha tal-grupp konsultattiv għandhom status ugwali.

(6) Huwa xieraq li jiġu kkonfermati s-36 membru attwali tal-grupp konsultattiv, u, b'żieda ma' dan, li jiġu maħtura d-disa' membri li għadhom kif intgħażlu.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni tikkonferma bħala membri tal-grupp konsultattiv dwar il-katina alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti l-entitajiet Ewropej elenkati fil-parti A tal-Anness, u, b'żieda ma' dan, taħtar bħala membri tal-grupp konsultattiv l-entitajiet Ewropej elenkati fil-parti B tal-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 275, 25.8.2004, p. 17.
[2] ĠU C 97, 21.4.2005, p. 2.

ANNESS

PARTI A

AIPCE-CEP	Association des industries du poisson de l'Union européenne/Comité des organisations nationales des importateurs et exportateurs de poisson de l'Union européenne
ANIMALS ANGELS	Animal Welfare Association
AVEC	Association of Poultry Processors and Poultry Import and Export Trade in the European Union Countries
BEUC [1]	Bureau européen des unions de consommateurs
CEFIC	Conseil européen des fédérations de l'industrie chimique
CELCAA	Comité européen de liaison des commerces agroalimentaires
CES/ETUC	Confédération européenne des syndicats/European Trade Union Confederation
CIAA	Confédération des industries agroalimentaires de l'Union européenne
CLITRAVI	Centre de liaison des industries transformatrices de viandes de l'Union européenne
COCERAL	Comité du commerce des céréales, aliments du bétail, oléagineux, huile d'olive, huiles et graisses et agrofournitures de l'Union européenne
COPA-Cogeca	Comité des organisations professionnelles agricoles de l'Union européenne – Confédération générale des coopératives agricoles de l'Union européenne
ECCA	European Crop Care Association
ECPA	European Crop Protection Association
ECSLA	European Cold Storage and Logistics Association
EDA	European Dairy Association
EFFAT	European Federation of Food, Agriculture and Tourism Trade Unions
EFPRA	European Fat Processors and Renderers Association
EMRA	European Modern Restaurant Association
ESA	European Seed Association
EUROCHAMBRES	Association of European Chambers of Commerce and Industry
EUROCOMMERCE	European Representation of Retail, Wholesale and International Trade
EUROCOOP	European Community of Consumer Cooperatives
EUROGROUP	Eurogroup for Animal Welfare
EUROPABIO	European Association of Bioindustries
FEDIAF	Fédération européenne de l'industrie des aliments pour animaux familiers
FEFAC	Fédération européenne des fabricants d'aliments composés pour animaux
FERCO	Fédération européenne de la restauration collective concédée
FESASS	Fédération européenne pour la santé animale et la sécurité sanitaire
FRESHFEL	European Fresh Produce Association
FVE	Federation of Veterinarians of Europe
HOTREC	Confédération des associations nationales de l'hôtellerie, de la restauration, des cafés et établissements similaires de l'Union européenne et de l'Espace économique européen
IFAH-EUROPE	International Federation for Animal Health Europe
IFOAM EU GROUP	International Federation of Organic Agriculture Movements — European Union Regional Group
UEAPME	Union européenne de l'artisanat et des petites et moyennes entreprises
UECBV	Union européenne du commerce du bétail et de la viande
UGAL	Union des groupements de détaillants indépendants de l'Europe

[1] 3 siġġijiet huma allokati lill-BEUC sabiex tiġi ffaċilitata r-rappreżentanza tal-konsumaturi Ewropej.

PARTI B

AESGP	Association of the European Self-Medication Industry
ECVC	European Coordination Via Campesina
EHPM	European Federation of Associations of Health Product Manufacturers
EUWEP	European Union of Wholesale with Eggs, Egg Products and Poultry and Game
FEFANA	EU Association of Specialty Feed Ingredients and their Mixtures
FoEE	Friends of the Earth Europe
PAN EUROPE	Pesticide Action Network Europe
PFP	Primary Food Processors
SLOW FOOD	Slow Food Associazione Internazionale